- SERVIGI -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 1384/97/RCP**

**Sarah Caruana**

**vs**

**Francis Mallia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici pprestat ghal bosta snin servigi, kuri u prestazzjonijiet lil Polly, Victoria u Anthony, ahwa Mallia, primi kugini tal-attrici;

Illi Anthony Mallia, ghazeb, kien l-ahhar wiehed fost l-ahwa li miet u precizament fid-19 ta' Marzu 1997;

Illi l-konvenut huwa l-uniku wiehed superstiti fost l-ahwa Mallia li ghadu haj u uniku werriet *ab intestato* ta' hutu premorti;

Illi l-konvenut *nonostante* li gie nterpellat anke ufficjalment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi hekk prestati, baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici pprestat servigi lill-imsemmija Polly, Victoria u Anthony ahwa Mallia u li ghalhekk hi intitolata ghall-kumpens ghall-istess servigi;

(2) Tillikwida, okkorrendo permezz tal-operat ta' pent nominand, l-ammont dovut lill-attrici in linea ta' kumpens ghas-servigi minnha rezi, kif fuq inghad;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta' kumpens;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 1997 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq*. tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-4 ta' Mejju 1998 a fol. 9 *et seq*. fejn gie eccepit:

1. Illi l-attrici m'ghamlet l-ebda servigi ma' Polly, Victoria u Anthony Mallia.

*2.* Illi jekk ghamlet xi xoghol zghir dan thallset tieghu kif jigi ippruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

3. Illi hija qeghda taghmel din il-kawza sabiex tapprofitta ruhha ingustament ghaliex kellha xi tghid mal-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Frar 1999; tas-26 ta' April 1999; tal-15 ta' Novembru 1999; tat-3 ta' April 2000 fejn xehdet Josephine Cini; tal-24 ta' Mejju 2000; tat-12 ta'

Ottubru 2000; tas-17 ta' Jannar 2001; tat-22 ta' Marzu 2001 fejn xehdet in-Nutara Rosella Sciberras; tal-20 ta' Gunju 2001; tal-1 ta' Novembru 2001 fejn xehdu Alice Borg Bonaci u l-PL Joseph Zammit. Dr. Philip Sciberras iddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut ta' 30 jum; tat-22 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa *stante* li la pprezenta affidavit u lanqas ressaq provi llum. Dr. Sciberras tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-20 ta' Marzu 2002; u tal-20 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 25 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici permezz ta' din il-kawza qed tippretendi servigi minhabba kura u prestazzjonijiet lil Polly, Victoria u Anthony, ahwa Mallia, primi kugini tal-attrici. Illi hija tippretendi servigi minghand il-konvenut *stante* li huwa l-uniku wiehed *superstiti* fost l-ahwa Mallia li ghadu haj u uniku werriet *ab intestato* ta' hutu *premorti*.

Il-konvenut min-naha tieghu jsostni li l-attirici m'ghamlet l-ebda servigi, u jekk ghamlet xi xoghol zghir din thallset tieghu. Huwa qal illi hija qed taghmel din il-kawza sabiex

tapprofitta ruhha ngustament ghax kellha xi tghid mal-konvenut.

Illi fl-affidavit taghha, l-attrici **Sarah Caruana** qalet li hija prima kugina tal-ahwa Mallia u minn dejjem kienet intima maghhom fis-sens illi kemm meta kienu zghar kif ukoll meta kibret baqghet midhla taghhom. Meta kienet xebba kienet toqghod Bormla u huma l-Birgu. Erba' snin wara li zzewget marret toqghod tas-Sliema. Hi xehdet li meta dawn it-tliet kugini bdew jikbru fl-eta' kienet saret aktar *close* maghhom fis-sens li kienu jcemplulha biex tmur tghinhom. Hija xehdet li kienet issajrilhom, tnaddfilhom, tahslilhom u tghaddilhom hwejjighom u taghmel is-servizzi l-ohra kollha necessarji. Darba fix-xahar kienet anke takkompanja lil Victoria ghall-vista fl-isptar. Lejn l-ahhar ta' hajjitha kienet tinqeda b'*walking aid* u l-attrici kienet tehodha ghat-terapija mill-anqas darbtejn sa tlieta fil-gimgha. Gurnata iva u ohra le kienet titla' hdejhom il-Birgu. Hija qalet li gieli anke cemplulha f'nofs ta' lejl ghax kien jinqalaghlhom xi haga, bhal meta tahom attakk ta' qalb u kellha tikri *Taxi*. Lix-xebbiet baqghet maghhom sal-ahhar. Meta Toni baqa' wahdu baqa' aktar dipendenti fuqha. Huwa kien jibki ta' sikwit li hadd minn tal-familja ma kien imur izuru. Ix-xhud kompliet issajjarlu u taqdih fil-bzonnijiet tieghu. Anke meta kien rikoverat fi sptar, kienet tmur kuljum. Lilha qatt ma hallsuha hlief li darba xtrawlha *'Grilioso'* u darba fil kienu jtuha xi haga tat-trasport, bhal per ezempju zewg liri (Lm2). Hija spjegat li kien Toni li jikkontrolla l-finanzi kollha ta' hutu x-xebbiet u lilha kien jghidilha li kull ma kellhom kien ghaliha, pero' kien jghidilha

li f'hajtu ma jkun irid jaghti xejn. Imbaghad wara mewtu setghet tieghu kollox ghax kollox kien destinat ghaliha. L-attrici ziedet illi matul il-bosta zjarat li kienet taghmlilhom, il-konvenut jew nies ohra tal-familja ma kienux ikunu hemm. Dawn iz-zjajjar bdew lejn l-ahhar ta' hajjithom. Toni kien icemplilha kuljum biex jaccertaha li kollox sew, u huwa kien halla cavetta ma' certu Albert Saliba, gar tieghu biex jekk jinqalaghlu xi haga tmur ghac-cavetta biex tkun tista' tidhol gewwa.

Hija xehdet ukoll illi meta miet huh Francis, il-konvenut ma gharrafhiex bil-mewt tieghu minnufih. L-ahbar tahielha l-ghada. Metaq marret fid-dar infurmat lill-konvenut u l-familja tieghu fuq il-kotba tal-Bank, huwa qalilha li kien diga' gabarhom. Aktar tard uriet lill-konvenut fejn hutu kienu jzommu l-affarijiet personali taghhom kompriz kaxxa tad-deheb u flus kontanti li kienu f'diversi *envelopes*. Dawn ghaddiethom lil Charles ir-ragel tat-tifla tal-konvenut. Dak il-hin qaltlu li kienet tispera li jtuha xi haga u dan qalilha li zgur daqskemm ghamlet maghhom. Hija ghaddiet il-flus tax-xebbiet lill-konvenut. Meta tathom il-kaxxa tad-deheb u qaltilhom li kienet imweghda zewg rigali tad-deheb minn ta' kull wahda mix-xebbiet, il-konvenut dak il-hin taha brazzuletta u curkett li kienet ghazlet. Hija kienet infurmat lill-konvenut li kien ghad fadal bosta flus kontanti u xi deheb. Aktar tard cemplitlu biex tara x'gara u qalulha li sabuhom. *Inoltre'* qalilha li kellu jmur ghandha biex jaghtiha xi haga pero' baqa' ma marx.

Xehdet ukoll **Josephine Cini** li toqghod ftit 'il boghod minn Anthony Mallia. Hija kienet tafu lill-mejjet u anke ftit lill-attrici. Rat lill-attrici f'xi hames okkazjonijiet ghaddejja minn quddiemha waqt li kienet qed tnaddaf barra. Hija xehdet li Polly u Victoria gieli qalulha li l-attrici kienet qed tmur izzurhom. Pero' ma qalulhiex x'kienet taghmel meta kienet izzurhom.

Xehdet **Alice Borg Bonaci**, rapprezentanta tal-H.S.B.C. plc li esebiet *statements* tal-kontijiet indikati fit-tahrika. Hija ddikjarat li flus il-bank ma fadalx.

Xehed ukoll il-**P.L. Joseph Sammut** li esebixxa wkoll xi dokumenti. Huwa qal li hemm *Fixed Deposit account* fl-ammont ta' Lm2,846.75 li ghadu ma ngibidx.

Illi rigward dan l-istitut ta' servigi lejn familjari, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Paolina Frendo vs Paolo Galea et"** (30 ta' Jannar 1922, Vol. XXV.I.35) tenniet:

*"Sebbene di regola i servigi personali prestati ad un consanguineo ad affine in occasione di malattia si presumono resi senza intenzione di pecunario compenso, questo pero' non ha luogo quando concorrono circostanze atte a repellere quella presunzione – come sono quelle fra altre, della condizione di chi presta i servigi, della perdita' sofferta coll'abbandono del proprio lavoro, del tempo impiegato in quei servigi, della importanza degli stessi alla persona cui sono resi, del risparmio fatto coll'esser stata cosi dispensata la necessita' di impiegare un' altra persona*

*a mercede – perche' l'animo di donare servigi e la rinunzia a retribuzione non si possono presumere, neanche fra consanguinei ed affini."*

Illi pero' fis-sentenza "**Ester Farrugia et vs Nutar Dr. Carmelo Farrugia"** (14 ta' Frar 1938, Vol. XXXA.I.47), il-Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjoni illi mill-ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna huwa assodat illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita' huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens. Dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza **"Tabib Dottor Fisico Victor Mifsud Speranza vs Nutar Dott. Rosario Frendo Randon noe"** (15 ta' Gunju 1942, Vol. XXXI A.I.227).

Imbaghad fis-sentenza **"Paolo Muscat vs Maria Rosaria Camilleri et"** (27 ta' Marzu 1950, Vol. XXXIV A.I.96) il-Qorti tal-Appell qablet mal-principju enuncjat f' "Farrugia vs Farrugia" li s-servigi bejn parenti u affini ghandhom jitqiesu li gew prestati *pietatis vel familaritatis causa*. Izda l-Qorti qalet ukoll li *"dina l-prezunzjoni mhix assoluta, u tista' tigi eskluza meta jirrizulta li min jippresta s-servigi kellu hsieb li jithallas taghhom. Dak il-hsieb, pero', ghandu jissusisti fiz-zmien li s-servigi jkunu qeghdin jigu prestati, u ma jistax wiehed, li jkun ippresta servigi minghajr hsieb li jithallas,*

*ibiddel dak il-hsieb ghaliex wara zmien ir-relazzjonijiet ta' bejniethom ikunu tbiddlu".*

Izda llum it-tendenza tidher li hi kif intqal fis-sentenza **"Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi"** (24 ta' Mejju 1989) fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat li hadd m'hu prezunt li ppresta servigi lil haddiehor anke jekk dan ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom u fuq dan il-gurisprudenza hija kostanti u unanima. Anke f' **"Mary Grace Attard et vs Rosario Attard"** (13 ta' Ottubru 1989, Vol. LXXIII.II. 396) intqal:

*"Illi rigward il-kwistjoni ta' servigi rezi l-pozizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li 'kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta' kumpens'. Biex taqa' din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita'. L-intenzjoni tal-gratuwita' u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment*" (ara **Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi**, Vol. XXXVIII.II. Pg 568).

*Inoltre'* f' **"Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et"** (10 ta' Jannar 1995, Vol. LXXIX.II.239) il-Qorti tal-Appell tenniet li ma hijiex tenuta taddotta sistema ta' likwidazzjoni partikolari u f'certi kazi d-diskrezzjoni tal-Qorti jimla' dak il-vojt li thalli l-istess ligi.

Illi meta dawn il-principji kif stabbiliti jigu applikati ghall-kaz odjern din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici

effettivament irrendiet servigi lill-ahwa Mallia, illum mejtin. Ix-xhieda taghha ma gietx kontradetta, anzi Josephine Cini xehdet li Polly u Victoria, tnejn mill-ahwa, kienu qalulha li l-attrici kienet tmur izzurhom. L-istess konvenut, mill-affidavit ta' l-attrici, irrizulta li ammetta li hi kienet ghamlet maghhom u li kellu jmur ghandha biex jaghtiha xi haga. *Inoltre'* meta hi qaltlu li kienet imweghda bicca deheb minghand kull xebba hu qaliha biex taghzel u hekk ghamlet.

Illi rrizulta wkoll li *nonostante* li l-mejtin kienu primi kugini tal-attrici hija dejjem marret tghinhom bi skop li tithallas 'il quddiem. Fil-fatt Anthony Mallia kien dejjem jghidilha li f'hajtu ma jhobbx jaghti pero' kollox kien destinat ghaliha. L-uniku rigal li tawha kien *Grilioso*. Illi l-attrici lanqas ma qalet in-numru ta' snin li ghamlet maghhom hlief li semmiet li ghamlet dan ghal bosta snin. Kwindi din il-Qorti se tillikwida l-ammont *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici pprestat servigi lill-imsemmija Polly, Victoria u Anthony ahwa Mallia u li ghalhekk hi ntitolata ghall-kumpens ghall-istess servigi;

2. Tillikwida l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala dovut lill-attrici *in linea* ta' kumpens ghas-servigi minnha rezi, kif fuq inghad;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) hekk likwidat *in linea* ta' kumpens;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 1997 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**25 ta' April 2002**